**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 227/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernadette Valletta)**

**vs**

**AHMET ACAR**
**[Passaport Tork numru U08091985]**

**Illum, 8 ta' April 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **AHMET ACAR** detentur tal-passaport Tork bin-numru U08091985, tressaq quddiemha akkuzat talli nhar is-Sibt 6 ta' April 2019 bejn 1800h u 1840h gewwa il-Ponta ta' Tigne, Tigne, Tas-Sliema:-

1. Ikkaguna hsara volontajra fuq proprjeta` pubblika liema hsara teccedi l-efejn u hames mitt ewro (€2,500) ghad-dannu tal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema u/jew persuni jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fit-8 ta' April 2019, l-Ufficjal Prosekutur qrat u halfet l-akkuzi bil-gurament, u sar l-ezami tal-imputat li wiegeb li huwa hati;

Rat illi l-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu 9, meta wissiet lil-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi nghata zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatlu l-piena erogabbli ghall-akkuza li jinsab mixli biha;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat fit-8 ta' April 2019, ammetta ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) u 453(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet debitament ippruvata u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-istess imputazzjoni cioe` illi kkaguna hsara volontarja fuq proprjeta` pubblika ghad-dannu tal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema liema dannu jecccedi l-valur ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500).

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni.

B'mod partikolari, il-Qorti hadet qies tac-cirkostanzi li fihom twettaq dan ir-reat mill-imputat. Huwa evidenti illi l-intendiment tal-imputat fit-twettiq tar-reat ma kienx illi jikkaguna hsara, izda li jitlob skuza lil martu f'perijodu difficli fiz-zwieg tieghu minhabba problemi finanzjarji kif ukoll il-fatt li jinsab 'il boghod mill-familja tieghu li tghix fit-Turkija filwaqt li huwa jahdem Malta. Madanakollu, kif jirrizulta mill-istqarrija tieghu datata 7 ta' April 2019[1], ghalkemm verament l-imputat ried semplicement jibghat messagg ta' mhabba u talba ghal mahfra lil martu bil-mezz tal-graffiti, il-volonta` tieghu wettaqha billi vvandalizza biz-zebgha proprjeta` pubblika konsistenti f'parti mdaqqsa ta' hajt mal-bahar li huwa vizibbli anke mill-Belt Valletta, u dan skont kif jidher fir-ritratti esebiti u mmarkati Dok. BV7, BV8 u BV9. Fil-fehma tal-Qorti, il-mottiv ghall-agir tal-imputat ghalkemm jidher li huwa wiehed genwin, ma huwiex b'daqshekk, gustifikabbli u tqis illi kull att vandalu *multo magis* fuq proprjeta` pubblika, huwa wiehed tassew kundannabbli.

Fuq kollox, izda, il-Qorti hadet qies tad-dikjarazzjoni li saret quddiemha mir-rapprezentant f'Malta tal-kumpannija li timpjega lill-imputat, Taca Construction, Omar Koksar, debitament verbalizzata u ffirmata, liema kumpannija obbligat ruhha:-

"*… illi twettaq ix-xoghol kollu mehtieg sabiex tigi riparata l-hsara kkagunata mill-imputat a detriment tal-Kunsill Lokali Sliema, liema hsara tidher fir-ritratti mmarkati Dok. BV7 sa Dok. BV9, u dan a spejjez tal-imsemmija kumpannija.*"

[1] Dok. BV2.

Il-kumpannija li timpjega lill-imputat impenjat ruhha ulterjorment u bil-miktub quddiem il-Qorti illi tezegwixxi r-riparazzjonijiet kollha mehtiega bis-shih u ghas-sodisfazzjoni tal-Kunsill Lokali Sliema, fi zmien gimgha mil-lum.

Il-Qorti rat illi dan l-impenn li l-imsemmija kumpannija obbligat ruhha illi twettaq ghan-nom tal-imputat, gie accettat bis-shih da parti tal-istess Kunsill Lokali Sliema u dan kif gie dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fl-istess udjenza tat-8 ta' April 2019.

Hadet in konsiderazzjoni wkoll is-soghba evidenti muri mill-imputat ghal eghmilu u illi mill-ewwel skuza ruhu u esprima r-rieda tieghu li jaghmel tajjeb ghall-hsarat minnu kkagunat, kif ukoll il-fatt illi l-ammissjoni tieghu saret fi stadju ferm bikri tal-proceduri, ossia waqt l-ezami a tenur tal-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9.

Fl-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, u billi skont l-Artikolu 325(1)(a) il-piena ghar-reat li tieghu l-imputat ser jinsab hati, bl-aggravju tan-natura pubblika tal-proprjeta` mhassra, hija ta' prigunerija ghal zmien mhux inqas minn sentejn u l-multa ekwivalenti ghall-hsara, il-Qorti hija tal-fehma li ma jkunx spedjenti li twahhal piena izda tqis illi minflok, ghandha taghmel ordni li biha tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perijodu ta' tliet snin.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 325(1)(a) u t-tielet proviso tal-istess Artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti ssib lil AHMET ACAR hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih izda, bl-**

**applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul perijodu ta' tliet (3) mil-lum.**

**Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**